**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Jannar, 2016

Il- Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

-vs-

Gordon (Gordon Chris) Frendo

Kaz Nru. 17/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gordon (Gordon Chris) Frendo detentur ta' Karta tal-Identita` numru 158675(M) talli:

> Nhar il-21 ta' Settembru 2013 ghal-habta tat-tmienja ta' filghaxija (8pm) f'dawn il-Gzejjer, ikkagguna ugiegh, tbatija jew sofferenza fuq animal, u cioe' fuq kelb, u kkagunajtilha feriti kif iccerifikat mill-veterinarju Dr Sabrina Bonnici.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh f' Ta' Giorni fejn *puppy* ta madwar 4 xhur soffra daqqiet u spicca jsoffri minn *shock* u *slight concussion* hekk kif certifikat mill-veterinarju Dr Sabrina Bonnici.

L-Ispettur Trevor Micallef jixhed kif fil-21 ta' Settembru, 2013, Gordon Frendo kien ghamel rapport li kien gie aggredit minn Christopher Scifo Diamantino u Aaron Garcia Fernandes, dwar liema aggressjoni kienu ttiehdu proceduri fil-konfront taghhom u liema proceduri gew decizi billi kienu instabu hatja tal-aggessjoni fil-konfront ta' Frendo. Meta gew mitkellma mill-ispettur stqarrew li waqt li l-imputat Frendo kien ghaddej fit-triq, kien ta daqqa ta' sieq lil kelba ta' Garcia Fernandes. Hu kien sussegwentement ha stqarrija lill-imputat. Fl-istqarrija tieghu, mehuda fil-5 t'Ottubru, 2013 u li Frendo ghazel ma jiffirmax, hu jghid li gie kelb tar-razza *bull dog* jew *boxer* jigri warajh, bla cinga, habat mieghu u prova jitla' mieghu. Sadanittant sema' lil xi hadd jinsulentah. Jghid li jibza mill-klieb u li l-kelb hassdu x'hin kien gej ghalih. Hu cahad li ta xi daqqa ta' sieq lil kelb u jtenni li l-kelb ma missux.

Christopher Scifo Diamantino min-naha tieghu jghid li ghal xi 7pm jew is-7.30pm tal-21 ta' Settembru, 2013, kien dahal Aaron Garcia li hu l-*manager* ta' *hostel* li huwa s-sid taghha, u qallu li xi garr taghhom li joqghod faccata tal-*hostel*, kien ghadu kemm xejjer daqqa ta sieq lil kelba, li sa dakinhar kienet ghadha *puppy,* f'rasha. Jghid li huma marru jikkonfrontaw lill-imputat dwar dan u hekk kif rahom gejjin hareg mill-karozza li f'dak il-hin kien qed johrog mill-garaxx, u beda jghajjat u jxejjer idejh. Jghid li l-kliem kienu bil-Malti u ma jafx ezatt x'kien qed jghid imma kienu fis-sens ta' dwar x'riedu minnu. Jghid li hekk kif beda jxejjer idejh hu qabadilu bil-konsegwenza li Frendo spicca mal-art. Hu kien wehel ghoxrin ewro *ammenda* dwar dan l-incident. Jghid li Frendo kien ta' sikwiet iharres bl-ikrah lejn l-klijenti tieghu izda qatt ma ghamel rapport kontrih. Jghid li wasslu l-Ghassa jaghmlu rapport fl-istess hin.

Aaron Garcia Fernandes, il-*parte civile* u sid il-kelb, jghid li fil-21 ta' Settembru 2013, filghaxija, hu kien mixi bil-kelb tieghu tar-razza *boxer* f'Ta' Giorni f'nofs ta' triq peress li mhux *"[a] very busy road"[1].* Hekk kif Frendo kien hiereg mid-dar tieghu beda miexi fuq il-bankina izda mbaghad nizel minn fuq il-bankina, beda miexi lejh u hekk kif ghadda minn hdejh qabad u xejjer daqqa ta' sieq f'ras il-kelba. Garcia jghid li l-mod kif kien miexi lejh u haseb li kien gej biex imellisha *"to pet her"[2].* Jghid li prova jara ghaliex Frendo ghamel hekk lill-kelba izda dan baqa ma tah ebda raguni. Fil-hin qabel qalghet id-daqqa il-kelba ma kienet qed taghmel xejn ghajr "*sniffing the floor".[3]* Jghid li l-kelba kienet fuq cinga li fiha madwar metru sa metru w nofs. Garcia Fernandes jibqa' jsostni li il-kelba kienet mizmuma fuq cinga. Fl-ahharnett Garcia kien ipprezenta sett ritratti tal-kelba li kienu ittiehdu fi zmien vicin ghal meta kien sehh l-incident.

L-imputat ghazel li jixhed u jghid li fil-jum tal-21 ta' Settembru, 2013, hareg mid-dar u kien sejjer ghal garaxx tieghu li jinsab xi mitt metru l-boghod mir-residenza tieghu. Jghid li lemah kelb jigri minghajr cinga ghal fuqu u lil Garcia li beda jghidlu kliem dispreggativ. Jghid li dak il-hin baqa sejjer u dan minkejja li l-kelb kien tela mieghu u hassdu. Jinsisti li l-kelba kienet minghajr cinga u li *"Il-kelb ma missejtux il-kelb gie fuqi kien minghajr cinga. Kien minghajr cinga."*[4] Frendo jaghti rendikont ta' x'gara wara u cioe' meta safa avvicinat minn Garcia Fernandes u Scifo Diamantino fejn dan tal-ahhar qallu kliem li rrid isibu u joqtlu mat-tlett darbiet. Fuq domandi tal-qorti sabiex jispjega kif il-kelb kien soffra feriti hfief, Frendo jghid li hu jibza mill-klieb izda jtenni li lanqas biss imbuttah u li gralu kien ghax habat ma saqajh –*"Le dan hebb ghalija…Jien bqajt miexi ghax habit ma saqajja hu…Le hu gie biex jitla mieghi…Jiena l-istint tieghi bqajt miexi u hassadni litteralment hassadni".[5]*

Din il-Qorti hi kkonfrontata b'zewg verzjonijiet diametrikament opposti. Wara li evalwat il-provi prodotti tqis li l-versjoni moghtija mill-parte leza ghandha mill-veru u hija kredibbli. L-imputat lanqas biss jikkoncedi li galadarba mahsud, avolja jghid li jibza mill-klieb u li l-kelba telghet mieghu, seta' ghamel xi att biex jirrespingiha minn mieghu izda jsostni li ghalkemm mahsud baqa sejjer.

---

[1] Fol.21
[2] Fol.22
[3] Fol.23
[4] Fol.35
[5] Fol.40

Il-Qorti tara li hu ferm impossibli li l-kelba spiccat bi *slight concussion* u *shock* semplicement ghax tahbat ma persuna, liema persuna kif setghet tikkonstata l-Qorti mhix ta' xi korporatura voluminuza. Garcia Fernandes jibqa` jinsisti li l-kelba kienet fuq cinga u din il-Qorti temmen din il-verzjoni. Temmen ukoll li kien precizament minhabba fl-azzjonijiet tieghu li kien safa insulentat u li gie mhedded verbalment. Il-Qorti temmen li l-parte civile qatt ma kien ser ihalli kelba tiggerra fit-triq minghajr protezzjoni u kontroll; kelba li tant kien jghozz hekk kif jixhdu id-diversi dokumenti esebiti (c*ertificate of vaccination, certification of pedigree, dog passport, microchip* esebiti a fol.34).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 8 u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal ghall-hlas ta' *multa* ta' elf u tlett mitt ewro Euro (€1,300) liema multa ghandha tithallas fi zmien tmintax il-xahar (18) f'pagamenti mensili bl-ewwel pagament jithallas fl-ahhar ta' Frar, 2016 u f'kaz ta' nuqqas ta' hlas konvertibbli fi prigunerija.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**

**Magistrat**